**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' April 2025**

Rikors Numru: 472/2024 AL

A B C D

Vs

E E

(M.R. Numru 1634/2001)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie mir-rikorrenti li permezz tieghu tesponi:

1. Illi l-esponenti żżewwġet lill-intimata nhar it-tlieta (3) t'Ottubru, Elfejn u Wiched (2001) (kif jixhed iċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bhala DOK A),

2. IIIi l-esponenti isseparat legalment minn mal-intimat permezz ta' Sentenza mogħtija minn din 1-Onorabbli Qorti, datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru, 2011 (vide kopja annessa u immarkata DOK B).

3. Illi l-kontendenti b'hekk ilhom separati ferm oltre it-terminu ta sitt (6) xhur, rikjest mil-ligi.

4. Illi 1-kontendenti għandhom erbat itfal hekk kif jixhdu ċ-ċertifikati tat-twelid annessi u immarkati DOK C, DOK D, DOK E, U DOK F.

5. Illi ma teżisti ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet.

6. Illi ma hemmx lok li l-partijiet jerġgħu jirrikonċiljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

7. Illi l-esponenti tixtieq tottjeni d-divorzju jew hall taż-żwieġ, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont 1-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti in vista tas-suespost:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-żwieġ ta' bejn l-esponenti u l-intimat; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 t'Ottubru, 2024;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta u ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Novembru, 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.